Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 270 :: NOVEMBRU, 2018**

***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-**Grupp Letteratura Maltija Ink.** sejra tinżamm

**fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville,**

**nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2018, fis-7.30 pm**.

Dak inhar issir elezzjoni għal kumitat ġdid. Kull membru jista' joħroġ għal xi pożizzjoni fuq il-kumitat jew jinnomina lil xi ħadd.
Dawk li huma membri finanzjarji biss jistgħu jattendu għal din il-laqgħa u jivvutaw.

***Formola ta' nominazzjoni tinkiseb mingħand is-Segretarju, Raymond Anastasi***

***billi ċċemplulu fuq 9366-8015 jew 0405 819 803***

***<u>Mill-Akkademja tal-Malti….</u>***

## IĊĊELEBRAT JUM DUN KARM F'MALTA





Nirringrazzjaw lil sħabna tal-Kumitat Festi Nazzjonali li matul dawn l-aħħar jiem ħadmu mill-qrib magħna għall-programm imżewwaq li apprezzajna f'Jum Dun Karm li sar fit-12 ta' Ottubru 2018 f'Palazzo De La Salle, il-Belt.
Nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem fil-programm: Mro Dominic Galea u Doreen Galea għall-mużika u l-kant tal-poeżiji flimkien ma' Josepha N. Vella; Joe Dimech għall-preżentazzjoni u tmexxija tal-programm, l-għannej Kalċidon Vella u l-kitarristi Ronnie Calleja u Frans Casha; Prof. Albert Borg, Dr George Farrugia u Marita Cassar għad-diskussjoni tassew interessanti b'rabta mat-tema "L-Ilsien Malti dari u llum" immexxija minn Marcel Zammit Marmarà; Karmen Azzopardi li għoġobha tingħaqad magħna mill-ġdid biex tinterpretalna poeżija ta' Dun Karm; Mario Debono għall-kanzunetti tassew ħelwin tiegħu.
Nirringrazzjaw ukoll lill-Kunsill Malti għall-Arti u Festival Malta. Grazzi wkoll lil Daniel Bezzina li ħa ħsieb jirrekordja l-kommemorazzjoni biex ikollna filmat tas-serata. Sirna nafu li ħutna l-Għawdxin ukoll ħadu ħsieb ifakkru lill-Poeta Nazzjonali ukoll. https://www.tvm.com.mt/mt/tvmi/programmes/kultura-news/

*Jiena, Paul Vella, PRO tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, fil-programm tiegħi bil-Malti, fuq ir-Radju Komunitarju f'Melbourne, 3ZZZ 92.3 FM, kelli feature qasir fuq Dun Karm, nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru. Fih użajt materjal li kont irrekordjajt ftit tas-snin ilu meta jien u marti, Salvina, konna Malta. Niftakar konna għand l-għannej Żeppi Spagnol biex nintervista lilu u lill-bintu, Janis. Huwa qalli li kienet se ssir kommemorazzjoni għal Dun Karm quddiem il-monument tiegħu fil-Furjana. Aħna morna hemm u ltqajna għall-ewwel darba ma' ħafna ħbieb tal-Ilsien Malti li qabel kont iltqajt magħhom fuq l-internet biss. Għadni niftakar u napprezza l-laqgħa sabiħa li tawna. Kont irrekordjajt xi materjal li sar hemm: għanja fuq l-Ilsien Malti minn Janis Spagnol, poeżija "Bajda u Ħamra Biss" moqrija minn Dun Karm, naturalment irrekordjata, poeżija oħra ta' Dun Karm u għanja fuq il-Poeta Nazzjonali tagħna minn Żeppi Spagnol. Kien xieraq li nispiċċa dan il-feature bil-kanzunetta sabiħa "Sewwa Qallek Dun Karm" minn Enzo Gusman.*

# SEJĦA GĦALL-KITBIET




Jekk tikteb u inti żagħżugħ jew żagħżugħa, għandek opportunità sabiex tieħu sehem f'serata li se tittella' f'Jannar 2019. It-tema ewlenija, jiġifieri l-vjaġġ, tista' tiġi interpretata b'mod wiesgħa u l-kitbiet għandhom ikunu qosra biżżejjed sabiex jinqraw f'4 minuti jew inqas. Fil-każ ta' stejjer qosra, nissuġġerixxu tul ta' bejn 300 u 500 kelma, filwaqt li l-poeżiji għandhom ikunu ta' madwar 30 vers.

Is-sottomissjonijiet huma miftuħa għal żgħażagħ taħt il-35 sena, u għandhom jintbagħtu fuq wieħed minn dawn l-indirizzi sa nhar is-Sibt, 17 ta' Novembru: info@sanpawl.com jew għaqdatalmalti@gmail.com

Wara li ssir l-għażla, għandha ssir laqgħa u jista' jkun li ssir talba għal xi bidliet ta' natura editorjali. Din is-serata qed tittella' mill-Akkademja Kulturali Pawlina b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università. Għal aktar tagħrif tistgħu żżuru l-paġni tal-Facebook taż-żewġ għaqdiet:

www.facebook.com/Akkademja-Kulturali-Pawlina www.facebook.com/ghaqdamalti

# IL-METAMORFOSI TA' FRANZ KAFKA

## *Traduzzjoni ta' Emmanuel Cutajar*

Forsi kellek okkażjoni taqra l-Metamorfosi b'xi lingwa oħra u taf li l-istorja hi surrealista għall-aħħar. Tikkonsisti fl-istorja ta' Gregor Samsa li jqum filgħodu u jsib ruħu mibdul f'insett mostruż. Minħabba din it-trasformazzjoni tiegħu hu jsib ruħu f'qagħda xejn sabiħa u mill-aktar stramba fil-familja tiegħu. Naturalment il-familja tiegħu ma setetx tifhem din it-trasformazzjoni u lanqas Samsa nnifsu ma seta' jifhem kif ġrat din il-bidla fih innifsu. Il-familja, b'mod speċjali missieru, ma taċċettahx u Samsa jħossu iżolat. Oħtu, li għall-bidu bdiet tipprova tgħinu u tkun ta' servizz għalih, ukoll aktar tard bidlet l-atteġġjament tagħha miegħu u saħansitra fl-aħħar riedet teħles minnu. Din l-istorja tibqa' attwali għas-soċjetà tal-lum u tirrifletti fuq dawk il-persuni emarġinati u mwarrba, ta' kull età, inkluż iż-żgħażagħ li għal xi raġuni jew oħra, minħabba xi diffikultajiet tagħhom fil-ħajja, bħal pereżempju vittmi tad-droga, orjentament sesswali differenti, jew tqala barra ż-żwieġ, isibu ruħhom kważi mkeċċija mill-familja tagħhom jew mhux aċċettati fis-sitwazzjonijiet tagħhom.




Il-ktieb jinkludi wkoll tagħrif dwar ħajjet Kafka kif ukoll traduzzjoni oħra ta' It-Trasformazzjoni mill-Ġdid ta' Gregor Samsa miktuba minn Karl Brand, żagħżugħ marid bit-tuberkulosi, bħalma kien ukoll Franz Kafka li miet b'din il-marda ta' 40 sena. Brand xtaq joħloq sekwela tal-Metamorfosi li fiha jagħti l-ħajja mill-ġdid lil Gregor Samsa (f'Metamorfosi kien miet) biex joħloq tama għalih innifsu ta' fejqan mill-marda qerrieda tiegħu. Fl-istorja ta' Brand, Gregor Samsa jirxoxta b'ġisem u dehra umana però t-tama tiegħu ta' fejqan sfat fix-xejn għax miet ta' 22 sena b'dik il-marda, propju disa' xhur wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb tiegħu. Fil-ktieb maqlub għall-Malti minn Emmanuel Cutajar insibu wkoll l-istorja kollha ta' Brand flimkien mal-bijografija ta' Franz Kafka.

**Il-laqgħa li tmiss tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria (AGM) se tkun nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Niserperaw li naraw ħafna minnkom u ġibu xi qari magħkom. Nilqgħu ukoll xi membri tal-familja tagħkom jew ħbiebkom.**

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**

# IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Stqarrija: 'Il-Letteratura fid-Dijaspora': konferenza li se tiftaħ il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb (niżżel powsters u l-programm minn hawn: https://we.tl/t-oaXau5Evzz)

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, l-aktar ċelebrazzjoni tal-ktieb prominenti u prestiġjuża tas-sena, se jiftaħ għall-pubbliku nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru bil-konferenza 'Il-Letteratura fid-Dijaspora', organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Il-konferenza se tlaqqa' flimkien 4 kittieba li lkoll esperjenzaw l-ispostament ġeografiku bil-mod uniku tagħhom: Lou Drofenik (Malta), Nikola Petković (il-Kroazja), Vera Duarte (Capo Verde) u Philip Ò Ceallaigh (l-Irlanda), u se tkun immexxija minn Teodor Reljić (is-Serbja/Malta). Se jiġi ddedikat ħin biex kull wieħed jgħid kif irrisponda għad-dijaspora letterarja u dwar kif il-kuntesti soċjali u politiċi għagħnulu il-mod kif iħares lejn dijaspori letterarji oħra l-aktar relevanti għas-sitwazzjoni tiegħu.

Ir-realtajiet diskussi se jintrabtu b'fil wieħed: ir-rifless fil-letteratura. Madankollu se jkun hemm spazju biżżejjed biex jiġu diskussi l-elementi l-aktar intimi u psikoloġiċi li ssibhom kullimkien f'letteratura tad-dijaspora. Il-mistoqsija li se titpoġġa fiċ-ċentru ta' din il-konferenza se ddur madwar il-pretensjoni tal-letteratura fid-dijaspora fuq l-ambigwità intellettwali, estetika u politika. Din id-diskussjoni għandha l-għan li sservi ta' bilanċ għal oħrajn li huma aktar urġenti politikament, fosthom l-hekk imsejħa "kriżi tal-migrazzjoni".

Se jkun hemm tentattiv biet tiġi esplorata r-relazzjoni korrelattiva bejn ix-xewqa u l-istennija fil-qafas ta' letteratura fid-dijaspora, imbagħad kif din is-sitwazzjoni tinkorpora fiha l-laqgħa mal-Ieħor. Jiġu diskussi wkoll modi kif il-kittieb jipproteġi lilu nnifsu milli jeżotiċizza żżejjed lill-Ieħor fuq in-naħa l-oħra, u anki l-qafas barrani li dawn il-kittieba issa tpoġġew fih, iridu jew ma jridux.

Aktar milli xi definizzjoni waħda ta' xi tfisser id-dijaspora, jew xi lista ta' kwalitajiet tagħha fil-letteratura tal-parteċipanti, l-għan tal-konferenza hu li jkun hemm diskussjoni aktar miftuħa dwar kif id-dijaspora għadha tibqa' traġitt letterarju li jħalli l-frott għal kittieba madwar id-dinja kollha.

Xogħol Lou Drofenik hu msejjes fuq riċerka storika estensiva u jiffoka fuq l-esperjenza migrattiva, speċifikament dik Maltija-Awstraljana. Lou trabbiet Malta u issa tgħix f'Victoria, l-Awstralja. Rebħet il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għar-rumanzi fl-2017 b'The Confectioner's Daughter (Horizons, 2016).

L-oqsma li fihom jispeċjalizza Nikola Petković huma l-identitajiet etniċi, nazzjonali, razzjali u tal-klassi; il-kulturi tal-Ewropa Ċentrali; u l-komunikazzjoni interkulturali. Nikola huwa kittieb, kritiku letterarju, traduttur, xeneġġjatur u skular Kroat. Kif jgħid Miloš Đurđević, "Fil-poeżija ta' Petković insibu forom varji u aspetti tal-eżilju, fosthom l-eżilju personali u dak preventiv, kif ukoll l-impossibiltà li tabbanduna lilek innifsek stess."

(https://www.poetryinternationalweb.net/pi/site/poet/item/19294/17/Nikola-Petkovic)

Bħala membru tal-Akkademja Capo Verdjana tal-Ittri, Vera Duarte ilha involuta f'organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tan-nisa, il-kultura u d-drittijiet tal-bniedem. Ippubblikat għadd ta' ġabriet ta' poeżija, rumanzi, esejs u kronaka. L-aħħar rumanz ta' Duarte, A Matriarca, hu rumanz polifoniku (li jippreżenta fl-istess ħin għadd ta' vuċijiet u punti di vista fl-istess plot) dwar is-soċjetà dijasporika fil-Capo Verde (huwa fatt magħruf li hemm aktar Capo Verdjani jgħixu barra l-pajjiż milli fih). L-istorja ddur ma' żewġ rakkonti ta' mħabba, u fil-proċess tipprova tpinġi stampa tal-istorja tal-Capo Verde u l-Afrika.

Philip Ó Ceallaigh huwa kittieb u traduttur Irlandiż ibbażat fir-Rumanija. Jemmen li aktar milli jikteb dwar pajjiżi u postijiet, hu jinqeda bihom biex jikteb dwar affarijiet li jogħġbuh. Fi kliem ieħor l-aspett immaġinattiv hu aktar importanti għalih minn dak deskrittiv. Ippubblika aktar minn 40 novella, bosta minnhom miġbura f'Notes from a Turkish Whorehouse, li bih rebaħ il-Premju Rooney fil-Letteratura Irlandiża. Fost kotba oħra, qaleb For Two Thousand Years ta' Mikhail Sebastian, ippubblikat minn Penguin Classics.

Il-konferenza 'Il-Letteratura fid-Dijaspora' se ssir l-Erbgħa 7 ta' Novembru fis-7pm f'Activity Area Sala Sagra Infermerija, f'Dar il-Mediterran. Il-pubbliku mistieden jiltaqa' ma' Lou Drofenik, Nikola Petković, Vera Duarte u Philip Ò Ceallaigh flimkien ma' Teodor Reljić fit-tentattiv li tinstab xejra komuni fid-dijaspori letterarji personali tagħhom bis-saħħa ta' xogħolhom u ħajjithom. Fi tmiem id-diskussjoni jistgħu jsiru mistoqsijiet u kummenti mill-pubbliku.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 se jsir Dar il-Mediterran, il-Belt, mill-Erbgħa 7 ta' Novembru sal-Ħadd 11 ta' Novembru. Il-programm tal-avvenimenti kollha se jkun qed jitqassam f'kull dar f'Malta u Għawdex fil-ġimagħtejn li ġejjin.

## Novembru

Xi ftit jiem frank mill-iskola
Jkollhom it-tfal u l-għalliem.
U l-gradwati lkoll jifirħu
Li l-kors tagħhom ġie fit-tmiem.

U għax jidlam ċappa kmieni
Għal xi wħud dwejjaq iġib.
Oħrajn ikunu ferħana
Għax il-Milied ikun qrib.

U xi borża nħobbu nħejju.
Tradizzjoni tal-Maltin.
Biex nagħtuha lit-tfal tagħna
Fil-festa ta' San Martin.

F'dan ix-xahar aħna niftakru
B'mod speċjali fil-mejtin.
Dawn għal dejjem jibqgħu f'qalbna,
U qatt minna minsijin.

F'nanniet, zijiet, nies oħra
Kif ukoll fi ħbieb tal-qalb.
Tul dax-xahar tajjeb niftakru
Fihom waqt il-ħin tat-talb.

F'dan ix-xahar in-nies bil-bosta
Tħobb lill-għeżież tagħha żżur.
Fuq qabarhom tpoġġi l-fjuri,
B'hekk turihom rispett żgur.

Ħafna minna jsajru l-ħelu
B'taħlita tfuħ bil-lewż bnin.
M'għandux dehra wisq sabiħa.
Propja l-għadam tal-mejtin!

Novembru xahar importanti...
Jgħaqqadna mal-mibkijin,
U jfakkarna li xi darba
Aħna maġenbhom sejrin.

***– Charmaine Tanti, Mosta***